TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 218/21/F

**Dr Charles Daniel Saliba**

**vs**

**Hand in Hand**

Illum, 2 ta' Ottubru 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrent nhar il-21 ta' Diċembru 2021;

Ra li minkejja li ġiet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba fit-18 ta' Mejju 2022, l-azjenda naqset milli tippreżenta Risposta;

Sema' x-xhieda bil-ġurament;

Ra d-dokumenti;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi r-Rikorrent uża s-servizzi tal-azjenda intimata Hand in Hand sabiex ibnu attenda għal kors u *one-to-one ABA tutoring* f'Għawdex. Permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-Rikorrent qed jitlob li l-azjenda intimata tiġi kkundannata tħallsu s-somma ta' **elfejn, seba mija u tnejn u disgħin Euro u ħamsin ċentenżmu (€2,792.50)** rappreżentanti *tax rebate* li huwa jgħid li tilef kaġun tal-fatt li l-istess azjenda intimata naqset milli tgħaddi d-dokumentazzjoni rekwiżita lill-Kummissarju tat-Taxxi fi żmien utili.

Illi l-azjenda intimata naqset milli tippreżenta Risposta u naqset ankè li tressaq provi f'dawn il-proċeduri. Għalhekk, l-atti huma għal kollox sajma mill-verżjoni tagħha.

Illi fost dettalji oħrajn, fix-xhieda tiegħu, ir-Rikorrent ikkonferma li waqt laqgħa li saret fir-Rabat, Għawdex nhar l-4 ta' Ġunju 2020 fl-16:30hrs, li għaliha kien preżenti d-Direttur tal-azjenda intimata Chris Vassallo, il-ġenituri preżenti ġew imwiegħda li

l-ammonti li kienu ser jitħallsu lill-azjenda intimata bħala miżati għat-*tutoring* kienu *tax deductible*. Jiġifieri, l-miżati li r-Rikorrent kien ser iħallas lill-azjenda intimata kienu ser jiġi mogħtija lilu lura bħala *tax credits* mill-Kummissarju tat-Taxxi u dan tenut kont tan-natura partikolari tat-*tuition* in kwistjoni.

Illi apparti dak li xehed it-Rikkorrent, ġiet ippreżentata in atti ukoll il-formola ta' applikazzjoni provduta mill-azjenda intimata lill-ġenituri li tgħid ċar u tond li persuni li jħallsu t-taxxa f'Malta huma intitolati għal *tax rebate*.

Illi t-Tribunal iqis li l-aktar xhud relevanti għad-determinazzjoni ta' din it-Talba huwa r-rappreżentant tal-Kummissarji tat-Taxxi Joseph Debono. Dan ikkonferma li għas-sena 2019 (sena ta' stima 2020) l-azjenda intimata kienet reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi iżda ma jidhirx li kienet intbagħtet korrispondenza dwar it-tnaqqis mit-taxxi relattiv għar-Rikorrent. Għas-sena 2020 (sena ta' stima 2020), l-azejnda intimata lanqas biss kienet reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi u għalhekk qatt ma seta' jiġi konċess tnaqqis mit-taxxa għal servizzi mogtħija minnha lill-klijenti, inkluż allura r-Rikorrent.

Illi a bażi tal-premess, it-Tribunal iqis li r-Rikorrent ipprova suffiċjentament il-każ tiegħu u huwa ċar li l-azjenda intimata kient impenjat ruħha favur il-ġenituri li ser tieħu dawk il-passi kollha neċessarji sabiex huma jingħataw it-*tax rebate* imwiegħed. Huwa daqstant ċar ukoll li l-azjenda intimata naqset bil-kbir minn dan l-impenn (jekk mhux adirittura ingannat lill-ġenituri) u allura għandha tagħmel tajjeb għas-sussidju mitluf mir-Rikorrent. Għalhekk, it-Talba ser tiġi akkolta.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jilqagħha, jikkundanna lill-azjenda intimata tħallas lir-Rikorrent is-somma ta' elfejn, seba mija u tnejn u disgħin Euro u ħamsin ċenteżmu (€2,792.50).**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri ikunu a karigu tal-azjenda intimata.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***